MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 438/2013

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, wara li ppremetta :

Illi l-esponenti kien izzewweg lil CD nee’ D detentrici tal-karta tal-identita numru 403266(M) permezz tar-rit kattoliku, fi zwieg koncelebrat nhar il-14 ta’ Lulju, 1990;

Illi l-istess esponenti jixtieq li jipprevali mill-Artikolu 66(a)(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u jiddivorzja minn ma l-istess martu;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex takkordalu li huwa jiddivorza minn ma martu u dan a tenur tal-Artiklu 66(a) (b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan taht dawk il-provedimenti li dina il-Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni;

Rat ir-risposta tal-intimata illi giet ikkonfermata minnha bil-gurament, li in forza taghha eccepiet :

1) Illi fl-ewwel lok, l-esponenti tirrileva li hija kienet izzewget lir-rikorrenti fl-14 ta' Lulju, 1990. Sussegwentement, il-partijiet kienu sseparaw legalment minn ma xulxin fit-23 ta' Frar 2006 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Rueben Debono. Ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, tali kuntratt qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'Á';
2) Illi fit-tieni lok, minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel bl-isem ta' Kurt Saliba, li llum il-gurnata ghandu dsatax-il (19) sena. L-esponenti tiddikjara li r-rikorrent Christopher Saliba m'ghadx baqalu obbligu ta' manteniment ghall-ibnu minuri, u in kwantu ghall-manteniment ta' bejniethom il-partijiet kienu iddekadew reciprokament;
3) Illi fit-tielet lok, l-esponenti taqbel mal-kontenut tar-Rikors Promotur u min-naha taghha tiddikjara li hija favur li z-zwieg de quo jigi xolt b'permezz ta' divorzju;
4) Illi r-rikorrenti tixtieq li tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe' Mizzi;
5) Illi l-esponenti thoss illi m'ghandhiex tbaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;
6) Illi stante li l-kontendenti partijiet ilhom aktar minn seba' (7) snin legalment separati minn ma xulxin, kif ukoll li huma kienu ddekadew mid-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin, u dwar il-manteniment tat-tifel taghhom m'hemm l-ebda diffikulta, jigi umilment rilevat li jezistu l-elementi kollha a tenur tal-Artiklu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex iz-zwieg tal-kontendenti partijiet jigi xolt b'permezz ta' divorzju;

Ghaldaqstant, u in vista ta'dak espost fil-premess, l-esponenti taqbel mat-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li m'ghandha l-ebda eccezzjoni xi tressaq f'dan ir-rigward,

salv li tixtieq li ma tinkorrix spejjez relatati mal-proceduri odjerni u li tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe' Mizzi;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Settembru 2013;

Rat illi permezz tar-risposta taghha l-intimata talbet sabiex tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe' Mizzi;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet il-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta' Frar 2006;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenza fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talba tal-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Mizzi, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------